MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Numru 36/2003

Il-Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

vs

Stephen Delmar
David Debono
Roderick Guntrip
Clinton Bugeja
Adam Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Stephen Delmar, David Debono, Roderick Guntrip, Clinton Bugeja u Adam Spiteri detenturi ta’ karta ta’ identità numru 392886(M), 352587(M), 049586(M), 135486(M) u 461697(M) rispettivament akkuzati talli:

1. Fis-6 ta' Dicembru, 2001 u fil-jiem ta' qabel fir-Rabat, Malta ikkommetta serq ta' flus u oggetti ohra mill-fond numru 13, Lion's Well Street, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, u bil-lok u li sar ghad-detriment tas-Sur Samuel Gatt, u dan bi ksur tal-Artikolu 261, 263(a), 267 u 269(g) tal-Kap 9;
2. fl-istess perjodu, f'Malta xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentament b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-Artikolu tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom bghat lill-imputati sabiex jigu gudikati minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputati.

Semghet ix-xhieda;

Semghet fl-udjenza tal-lum l-imputati kollha jirregistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni huma insistew anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Mill-evidenza prodotta mill-prosekuzzjoni f'din il-kawza huwa wisq car li l-imputati kollha rrendew ruhhom hatja ta' serq li gie minnhom kommess mill-fond numru 13, Triq Lion's Well, Rabat, Malta.

Jirrizulta li r-refurtiva giet irkuprata.

Jirrizulta wkoll li l-imputati bl-eccezzjoni ta' Adam Spiteri kienu ilkoll minorenni u fir-rigward Adam Spiteri hu kien appena ghalaq 18-il sena.

Jirrizulta li l-imputati ikkoperaw u fl-istqarrijiet rispettivi taghhom stqarrew is-sehem u l-involviment taghhom f'din is-serqa.

Issa l-ammissjoni tal-imputati kollha hi wahda volontarja u inkondizjonata u saret fir-rigward l-akkuza tas-serq, jigifieri, l-ewwel akkuza, li ghalhekk teskludi t-tieni akkuza cioé ir-ricettazzjoni.

Rat l-Artikolu 261(b) (c), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 279(b), 280 u 37 tal-Kap 9.

Tiddeciedi wara li kkonsidrat dak kollu li ntqal fuq li tilliberhom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbiltajiet taghhom skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------